MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 392/2014

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors  tar-rikorrenti illi permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) (Ara Dok A anness), u minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Mary sive Mariella Mizzi mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (Ara Dok B anness);

Illi skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok B, Klawsola 4), il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin, u ghalhekk ma hemmx manteniment dovut;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba' (4) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet ;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi l-intimata ma topponix t-talba sabiex dina il-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u taqbel ma dak kollu iddikjarat fir-rikors tar-rikorrenti;
2. Illi skont l-Artikolu 14 tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-intimata diga ghazlet li tirriverti ghal kunjom xbubita Gauci;

Ghaldaqstant l-intimata titlob illi t-talbiet tar-rikorrenti jigu milqugha u dan taht dawk il-kundizzjonijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Settembru 2014;

Semghet liz-zewg partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Awissu 2010 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------